MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 1835/1998/1

**Grazio u Guza konjugi Vella u b'digriet tad-29 ta' Marzu, 1999, il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Martin Vella, Marie Louise mart Joseph Caruana, u Anna Vella, ilkoll ahwa Vella.**

**vs**

**Joseph u Annunzjata sive Spira konjugi Zammit u b'digriet tal-31 ta' Ottubru, 2001, il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Lawrence Zammit, Joseph Zammit u Stephanie Zammit, ilkoll ahwa Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fid-29 ta' Settembru, 1998, fejn talbu lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu lill-atturi s-somma ta' erba' mija u erbgha u tletin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm434.86) rapprezentanti l-arretrati ta' kera tal-*garage* numru 70, Triq

ix-Xatt, Kalkara, ghall-perjodu mit-8 ta’ Marzu, 1993, sal-14 ta’ Awissu, 1998.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji u bl-imghax legali mill-prezentata ta’ l-Avviz sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

(1) Illi l-esponenti kienu jikru l-fond *garage* numru 70, Triq ix-Xatt, Kalkara ghal ammont ta’ tmenin lira Maltin (Lm80.00) fis-sena.
(2) Illi fis-sena 1993 l-atturi rrifjutaw il-kera tal-imsemmi fond u ntavolaw rikors fil-Bord tal Kera u l-esponent kellu jiddepozita l-istess kera l-Qorti.
(3) Illi l-esponent iddepozita tliet kirjiet fl-ammont kumplessiv ta’ mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240.00). Illi fil-mori tal-kawza l-konvenut bi qbil mall-atturi ddepozitaw ic-cwievet tal-fond sabiex isiru reparazzjonijet necessarji fil-fond u ghaldaqstant gew impediti u negati l-uzu reali tal-fond.
(4) Illi ghalhekk il-kirja tal-fond mhijiex dovuta u ghalhekk l-atturi ghandom jigu ordnati jizbankaw il-kera hekk depozitata.
(5) Illi ghalhekk il-pretese tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas ta’ arretrati ta’ kera fl-ammont ta’ erba’ mija u erbgha u tletin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm434.86) ghall-*garage* bl-indirizz 70, Triq ix-Xatt, Kalkara, ghall-perjodu mit-8 ta’ Marzu, 1993, sal-14 ta’ Awissu, 1998.

Irrizulta mill-provi illi dan il-fond kien f’idejn il-konvenuti ghal aktar minn hamsin sena. Kien originarjament proprjeta’ ta’ Achille Mizzi, izda fl-1993 bieghu lill-attur

Grazio Vella. Meta l-konvenut mar biex ihallas il-kera ghal dik is-sena, Vella rrifjuta u ghalhekk giet depozitata l-Qorti. Fil-fatt hemm cedola esebita f'dawn l-atti a Fol. 21, liema cedola tkopri l-perjodu mill-1993/1994. L-ammont ta' kera li jithallas kien ta' tmenin lira (Lm80) fis-sena.

Sussegwentement saret kawza quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fejn il-Bord iddecieda li l-*garage* ghandu jigi ritornat lill-atturi f'terminu stabbilit. Skond l-atturi kien biss xi jumejn qabel ma' skada dan it-terminu illi l-konvenuti bdew johorgu l-affarijiet mill-*garage*. Wara dan hallewh miftuh u l-atturi setghu jiehdu pussess tieghu. Dana kien fl-14 ta' Awissu, 1998.

Il-konvenuti spjegaw illi wara li l-fond gie mixtri mill-attur, kellu bzonn isirulu xi tiswijiet u kien hawnhekk illi ghamlu katnazz, cavetta zammewha huma u cavetta tawha lill-bennej.

Zmien minnhom baghat ghalihom l-Ispettur u qal li ahjar illi din ic-cavetta jzommha hu u ghalhekk ic-cavetta li kellhom il-konvenuti giet ikkonsenjata lill-Ispettur. Mhuwiex maghruf min kien dan l-Ispettur. Idza hu x'inhu, li c-cavetta qatt ma giet ikkonsenjata lill-atturi.

Meta mbaghad fil-mori tal-kawza quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera kien hemm bzonn li l-partijiet jaccedu f'dan il-fond, skond il-konvenuti kellhom ikissru l-katnazz fil-prezenza ta' xulxin.

Il-konvenut Lawrence Zammit jghid illi huwa ddepozita mill-anqas tliet skadenzi ta' kera. Izda minn dan irrizulta wiehed biss u cioe' dak maghmul ghas-sena 1993/1994. L-atturi jippretendu illi ma ghandhomx ihallsu kera ghal dik is-sena jew snin ohra ladarba ma kellhomx pussess tac-cavetta tal-fond.

Ikkunsidrat:

Illi l-verzjoni moghtija mill-konvenuti ma tlahhaqx dak il-grad ta' prova rikjesta mill-Ligi ghas-success ta' l-istanza taghhom. Jghidu li ddepozitaw tliet skadenzi kera mentri

fil-fatt tirrizulta wahda biss. Isemmu skambji ma' Spettur tal-Pulizija, liema skambji ma jidhrux li huma fin-natura tax-xoghol tieghu. Din hija kawza purament civili u ma tarax kif il-pulizija u aktar u aktar persuna fil-grad ta' Spettur sejjer jindahal fi kwistjonijiet bhal dawn.

Hi xinhi, l-konvenuti gew imharrka quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex jirrilaxxaw il-fond f'idejn l-attur. Minkejja din il-kawza, dan il-fond ma giex rilaxxat qabel it-terminu koncess lill-konvenuti sabiex jaghmlu dan. F'liema kaz, allura l-atturi ghandhom dritt jippretendu illi l-fond kien ghadu fil-pussess tal-konvenuti.

Minkejja l-istranbezza ta' l-agir ta' l-Ispettur, mix-xhieda moghtija minn Lawrence Zammit u Joseph Zammit ma rrizultax illi bil-konsenja tac-cavetta, jekk verament saret, huma kellhom l-intenzjoni li jirrilaxxaw il-fond. Tant hu hekk illi l-attur kellu jistitwixxi proceduri sabiex jiehu l-fond f'idejh anki meta, skond il-konvenut, ma kienx fil-pussess taghhom, haga illi ma rrizultax ghax ma eccepewx din l-eventwalita' quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera.

Ghalhekk il-Qorti tifhem il-pretenzjoni ta' l-attur illi jiehu l-fond minghand il-konvenut u jithallas ghal dak iz-zmien illi l-attur ma kellux il-pussess materjali tal-fond.

Ghalhekk, illum il-Qorti jidhrilha, illi l-atturi ghandhom ragun jitolbu dawn l-arretrati ta' kera minghand il-konvenuti kif mitlub fl-Avviz, b'dana pero' illi l-ammont iddepozitat permezz tac-cedola numru 710/93 pprezentata fis-27 ta' April, 1993, ghandu jigi percepit mill-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi, u salv dak illi nghad aktar il-fuq rigward ic-cedola numru 710/93, tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu lill-atturi s-somma ta' erba' mija u erbgha u tletin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm434.86)

rapprezentanti l-arretrati ta' kera tal-*garage* numru 70, Triq ix-Xatt, Kalkara, ghall-perjodu mit-8 ta' Marzu, 1993, sal-14 ta' Awissu, 1998.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit
Deputat Registratur